MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2007

Numru 598/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**Joseph Fava**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Fava ta' 23 sena, bin Paul u Josephine nee' Zammit imwieled Pieta' fit-28 ta' Gunju 1984 u toqghod Nru. 74, Triq San Guzepp Sqaq nru. 3, Zabbar, Detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-nru. 308984(M) gie akkuzat talli fl-20 ta' Mejju 2007 ghal habta ta' xi 7.50 pm waqt li kien fi Triq San Guzepp, Sqaq nru. 3, Haz-Zabbar:-

akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura Gravi fuq David Gialanze', skond ma ccertifika it-tabib Dr. Pierre Farrugia MD (Reg 2608) mill-Isptar San Luqa

akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta' David Gialanze' weggaghhom bi kliem b'gest jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal David Gialanze' u dan sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offendew l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbotta lill imsemmi David Gialanze' u dan sabiex iweggghu jew jinsulentah u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(l) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' David Gialanze' u l-familjari tieghu u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AG1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum, l-imputat fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, fl-ewwel lok iddikjara li qieghed jiskuza ruhu dwar l-akkadut u fit-tieni lok iddikjara li qieghed jawtorizza lill-avukat difensur tieghu sabiex ikun jista' jinnegozja mal-avukat tal-parte civile dwar il-kumpens dovut lill-istess parte civile.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 216, 252(1), 339(1)(d), 339(1)(e), 338(bb), 342, 339(1)(l) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Fava, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat, il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u kif ukoll il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tal-lum l-imputat, fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu, fl-ewwel lok iddikjara li qieghed jiskuza ruhu dwar l-akkadut u fit-tieni lok iddikjara li qieghed jawtorizza lill-avukat difensur tieghu sabiex ikun jista' jinnegozja mal-avukat tal-parte civile dwar il-kumpens dovut lill-istess parte civile u wara li rat l-artikoli

28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Joseph Fava ghall-piena komplessiva ta' tmintax-il xahar (18) prigunerija u tornda li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputat Joseph Fava jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti torbot lill-imputat Joseph Fava b'obbligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma' David Gialanze' u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Fava l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------